B 1919

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,448, 28 ta' Lulju, 2020
Taqsima B

A.L. 302 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Clinical Radiology – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Clinical Radiology – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor:

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Clinical Radiology – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Clinical Radiology – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery jew kwalifika meqjusa komparabbli mis-Senat.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż għal kull wieħed ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) il-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost;
(ċ) kwalifika ta' wara l-ewwel grad f'qasam relatat; u
(d) il-livell milħuq matul intervista, jekk meqjusa neċessarja.

(4) L-intervisti, jekk neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri maħtur mill-Bord għal dan il-għan.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul fil-Kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(6) Qabel ma jirreġistraw għall-Kors, l-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal *occupational health assessment*, biex ikun aċċertat li huma tajbin biex jagħmlu xogħol relatat ma' taħriġ kliniku. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurtà ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika."

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm

assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu jkunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS jkunu assenjati għal proġett ta' riċerka fl-aħħar żewġ semestri.

6. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għandhom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjonijiet li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar min-numru ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara l-valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(4) L-istudenti li jeħlu f'taqsima studju li tinvolvi *placement* kliniku li jeħtieġ assessjar fuq medda ta' żmien m'għandhomx ikollhom id-dritt għall-valutazzjoni supplimentari fl-istess sena akkademika imma jkunu meħtieġa li:

jew (i) jirreferu t-taqsima studju fis-sena ta' wara;
jew (ii) jerġgħu jagħmlu t-taqsima studju f'sena addizzjonali, sena li m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala parti mit-tul tal-Kors.

Il-Proġett ta' Riċerka

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 15,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq il-proġett ta' riċerka għandu jsir matul l-aħħar żewġ semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju għall-proposta ta' riċerka u proposta tar-riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sal-aħħar tat-tielet semestru ta' studji *part-time*.

10. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jestendu l-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm il-proġett ta' riċerka; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.